**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliott Magro)**

**-vs-**

**Martin Farrugia detentur tal-Karta ta' l-Identita 0500077(M):**

*Kumpilazzjoni Nru. 736/2019*

Illum**, 24 ta' April, 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Martin Farrugia** u ċioè talli:

Nhar it-2 t' Awissu, 2019 u fil-granet, ġimgħat u xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer:

1) Ma nnotifikax lid-Direttur għas-servizzi veterinarji bil-frieħ t'annimali perikolużi fi zmien ġimgħa mit-twelid permezz ta' komunikazzjoni bil-miktub mibgħuta b'posta reġistrata jew b'email bl-irċevuta tal-kunsinna u dan bi ksur tar-regolament 4(12) tal-L.S.439.19 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) U aktar talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi, ma rreġistrax il-frieħ skont dawn ir-Regolamenti fi-zmien erba' ġimgħat mit-twelid tagħhom u dan bi ksur tar-regolament 4(12) tal-L.S.439.19 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex fil-każ ta' ħtija, barra tapplika il-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artiklu 533 tal-kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fis-27 ta' Frar, 2024.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

**Charles Spiteri** mid-Direttorat Għar-Regolazzjoni Veterinarja spjega kif Farrugia kien applika mad-Direttorat biex iżomm annimali eżotiċi f'postijiet li kellu s-Siġġiewi u l-Buskett. Dawn l-annimali huma meqjusa bħala annimali salvaġġ, tliet *pumas,* żewġ *leopards* u sitt ljuni. Meta fl-2017 sar ċensiment instabu żewġ *leopards* oħra li ma kienux reġistrati filwaqt li fl-2019 waqt spezzjoni instabu aktar annimali li ma kienux ġew reġistrati u cioe tliet ljuni, sitt *pumas* u żewġ *leopards.* Meta dawn ikollhom il-frieħ iridu jiġu reġistrati fi zmien erba' ġimgħat bl-ammont dovut ikun elf Euro ghal kull ferħ, iżda Farrugia ma kienx irreġistrahom. B'kollox Farrugia naqas li jirreġistra ħdax (11) il-ferħ.[1]

**Dr. Duncan Chetcuti Ganado** filwaqt li kkonferma il-verżjoni tas-Sur Spiteri semma wkoll l-imputat ġie infurmat mid-Direttorat sabiex jirreġistra l-frieħ iżda Farrugia ma tax każ.[2]

Mill-assjem tal-provi jirriżulta biċ-ċar li fid-data tat-2 t' Awissu 2019 u fix-xhur ta' qabel l-imputat kien naqas milli jinnotifika lid-Direttorat Għas-Servizzji Veterinarji fi zmien ġimgħa bit-twelid ta' frieħ t'annimali perikolużi skedati kif ukoll naqas mili jirreġistrahom kif legalment obbligat.

**Piena**

Fi-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena, l-Qorti qieset in-natura tal-imputazzjonijiet li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fatt li llum is-sitwazzjoni hi

[1] Fol.23-26
[2] Fol.37-40

sanata, kif ukoll taċ-ċirkostanzi tal-każ mhux anqas il-fatt li hawn si tratta ta' xejn inqas minn 11 il-annimal li f-ewwel lok ma ġewx **reġistrati** u fit-tieni lok lanqas ma kien **notifikat it-twelid** tagħhom lid-Direttorat.

Ittieħed kont tal-fatt li l-piena erogabbli fiż-żmien li fih twettqu r-reati imputati kienet ta' bejn l-elf ewro (€1,000) u l-ħamsa u ħamsin elf ewro (€55,000) jew priġunerija ghal mhux aktar minn tlett snin.

Tenut kont li waqt l-andament ta' dawn il-proċeduri minkejja ma ġietx reġistrata ammissjoni s-sitwazzjoni ġiet sanata, din il-Qorti tqis li ma għandha tmur eqreb għall-minimu erogabbli.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 17(b)(f) u 31 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 45 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Liġijiet t' Malta, u r-Regolamenti 4(12) u 4(13) tar-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikolużi, (L.S.439.19), il-Qorti issib l-imputat ħati tar-reati addebitati lilu, u tikkundannah għal multa ta' **għoxrin elf ewro (€20,000).**

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**